MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1441/1992/1

Carmelo *sive* Charles **ELLUL SULLIVAN** bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' J. Cachia Caruana Limited

vs

**IL-KONTROLLUR TAD-DWANA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Diċembru, 1992, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek iħallas u jirrifondi lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlitt elef ħames mija u sittax-il lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmi (Lm 3,516.48)[1] li l-imħarrek ġabar mingħandha bla ma kien

[1] Li jġibu s-somma ta' € 8,191.19 fi flus tal-lum

mistħoqq bħala imposta (*levy*) allegatament dovuta għad-dħul f'Malta ta' konsenja ta' *assorted biscuits in presentation boxes*. Talab ukoll il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u tal-imgħax b'seħħ mit-22 ta' Novembru, 1991, u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra għad-danni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-16 ta' Marzu, 1993, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-imposta (*levy*) miġbura kienet tassew dovuta u dan għaliex il-galletini kienu mqiegħda f'kaxex li minnhom setgħu jinbiegħu pakketti separatament u ma kinux tassew *presentation boxes* iżda *display boxes*;

Rat il-verbali kollha tas-smigħ bejn il-5 ta' Mejju, 1993, u d-29 ta' April, 2002, li bihom il-kawża kienet qegħda titħalla biex tistenna l-eżitu ta' kawżi oħrajn li ngħad li kienu jolqtu l-mertu ta' din il-kawża;

Rat id-degriet tat-2 ta' Ottubru, 2002, li bih din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat id-degrieti tagħha tal-1 ta' April, 2003, u tat-13 ta' Ottubru, 2004, li bih ordnat lill-attur *nomine* jressaq il-provi li kellu bil-meżż tal-affidavit;

Rat in-nota ta' riferenzi mressqa mill-imħarrek fl-24 ta' April, 2003[2];

Rat il-provi mressqa mill-attur *nomine* bl-affidavit[3];

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Settembru, 2005[4], li bih awtorizzat lill-imħarrek iressaq Nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa fit-23 ta' Novembru, 2005, li biha l-imħarrek qanqal il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur *nomine*, minħabba li qal li l-kumpannija attriċi kienet diġa' ġabret is-somma

[2] Paġġ. 56 sa 73 tal-proċess
[3] Paġġ. 80 – 1 tal-proċess
[4] Paġ. 107 tal-proċess

minnha mitluba f'din il-kawża meta biegħet il-merkanzija lill-konsumaturi u saħansitra għamlet qligħ minn dak il-bejgħ;

Semgħet ix-xhieda mressqain mill-partijiet;

Rat in-Nota ta' riferenzi mressqa mill-imħarrek waqt is-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2006[5], b'riferenza għall-eċċezzjoni ulterjuri mqanqla minnu;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2006, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'noti ta' osservazzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fit-2 ta' Mejju, 2006[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-8 ta' Novembru, 2006[7], bi tweġiba għal dik tal-attur *nomine*;

Rat ir-Replika mressqa mill-attur *nomine* waqt is-smigħ tat-13 ta' Frar, 2007[8], u tat lill-imħarrek il-fakulta' li, jekk irid, iressaq sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Frar, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas lura ta' somma mħallsa indebitament. Il-kumpannija attriċi kienet intalbet biex tħallas imposta sabiex merkanzija (konsistenti f'gallettini ġo kaxex) li hija ġabet minn barra minn Malta tkun tista'

[5] Paġ. 124 tal-proċess
[6] Paġġ. 176 – 185 tal-proċess
[7] Paġġ. 189 – 193 tal-proċess
[8] Paġġ. 195 – 7 tal-proċess

tbiegħha fis-suq lokali. Billi l-imħarrek ma riedx jirrilaxxa l-merkanzija qabel ma jsir il-ħlas tal-imsemmija *levy*, il-kumpannija attriċi kellha tħallasha taħt protest għaliex kienet tgħid li ma kien dovut l-ebda *levy* dwar dik l-għamla ta' merkanzija;

Illi l-imħarrek jilqa' għat-talba tal-kumpannija attriċi billi b'eċċezzjoni mressqa għadd ta' snin wara l-bidu tal-kawża, qiegħed jgħid li l-kumpannija attriċi ma kellhiex l-interess ġuridiku li tressaq il-kawża għaliex dak li hija tgħid li ħallsitu bla ma kien misħoqq kienet diġa' ġabritu mingħand min kien xtara l-gallettini meta biegħethom. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-imposta miġbura kienet mistħoqqa għaliex ma kienx minnu li l-gallettini kienu mqiegħda fi *presentation boxes*, iżda kienu mqiegħda f'kaxex mnejn il-prodott seta' jidher u jinxtara bil-ftit il-ftit;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li fis-16 ta' Diċembru, 1989[9], waslet f'Malta mill-port ta' Anversa fil-Belġju l-kunsinna mertu tal-każ. Fuq il-Formola tad-Dħul maħruġa mid-Dwana, tniżżel li dik il-kunsinna kienet suġġetta għal ħlas ta' dazju fis-somma ta' Lm 2,357.77 u fl-ammont ta' Lm 3516.48 bħala *levy*. Fl-20 ta' Diċembru, 1989, il-kumpannija attriċi ħallset id-dazju. Fis-27 ta' Diċembru, 1989[10], l-kumpannija attriċi ħallset l-ammonti tal-imposta minkejja li kienet ittenni li l-ebda *levy* ma kellu jitħallas fuq dik l-għamla ta' merkanzija. Il-konsenja kienet rilaxxata wara li sar dak il-ħlas. Fit-22 ta' Novembru tal-1991[11], il-kumpannija attriċi talbet lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex iħallasha lura l-*levy* miġbur. Fis-7 ta' Settembru, 1992, il-kumpannija bagħtet ittra uffiċjali oħar lill-imħarrek ittenni l-istess talba. Il-kawża nfetħet fl-14 ta' Diċembru tal-1992;

Illi l-<u>aspetti ta' dritt li jeħtieġ li wieħed jistħarreġ</u> f'din il-kawża huma tnejn. Fl-ewwel lok, is-siwi tal-eċċezzjoni ulterjuri mqanqla mill-imħarrek. Fit-tieni lok, fil-mertu, jekk huwiex minnu li l-imposta setgħet tintalab fuq ix-xorta ta' merkanzija li ddaħħlet f'Malta mill-kumpannija attriċi f'dik il-kunsinna partikolari;

---

[9] Dokti. "B" u "Ċ", f'paġġ. 10 – 1 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġ. 9 tal-proċess
[11] Dok "D", f'paġ. 13 tal-proċess

Illi **dwar is-siwi tal-eċċezzjoni ulterjuri** din trid li jitqies li l-kumpannija attriċi ma kellhiex l-interess ġuridiku li tressaq il-kawża ladarba dak li ħallset lill-imħarrek ġabritu meta biegħet il-prodotti lill-konsumaturi klijenti tagħha. Għalkemm din l-eċċezzjoni tqajmet snin wara li kienet inbdiet il-kawża, din il-Qorti trid tqisha xotra waħda, għaliex hija eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju u tista' tittella' f'kull waqt tal-kawża, u saħansitra mill-Qorti *ex ufficio*[12];

Illi, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[13], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[14];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[15];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[16], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[17]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[18] ;

---

[12] App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[13] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**);
[14] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[15] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**);
[16] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[17] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[18] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita' tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni[19], u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[20];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha[21], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat;

Illi f'din il-kawża, l-imħarrek qiegħed jgħid li l-kumpannija attriċi ma għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex issostni l-azzjoni tagħha. Dan ġara għaliex jirriżulta li l-istess kumpannija biegħet il-merkanzija li dwarha ħallset l-imposta u li f'tali bejgħ għamlet qligħ ukoll. L-imħarrek jistrieħ fuq l-argumenti magħmulin f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fejn huwa qanqal b'suċċess l-istess eċċezzjoni f'kawża bejn l-istess partijiet u b'mertu li jixbah ħafna lil dak f'din il-kawża[22];

Illi, bħala fatt, jirriżulta tassew li l-kumpannija attriċi biegħet dik il-konsenja ta' gallettini f'xi żmien wara li d-Dwana kienet irrilaxxata mal-ħlas tal-imposta[23], u li l-istess kumpannija attriċi "*rnexxilha tbiegħ il-prodott kollu, u anke rkuprat l-ispejjeż tagħha, inklużi dawk biex il-prodott jiġi rilaxxjat*"[24];

Illi l-attriċi madankollu targumenta li l-fatt li hija biegħet il-gallettini u ma tilfitx flus minn dak il-bejgħ, ma jġibx fix-xejn il-jedd tagħha tal-azzjoni biex tiġbor lura dak li l-imħarrek ġegħelha tħallas bla mistħoqq. Iżżid tgħid li l-interess tagħha jibqa' għaliex xorta waħda li l-imħarrek

---

[19] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi et***

[20] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**).

[21] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**)

[22] App. Ċiv. **9.6.2005** fil-kawża Ċitazz. Nru. 418/93

[23] Xhieda ta' Carmelo Ellul Sullivan 30.11.2006, f'paġ. 120 tal-proċess

[24] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 178 tal-proċess

baqa' jżomm għandu flejjes li ma kinux dovuti lilu. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li jekk kemm-il darba l-kumpannija attriċi tirnexxi fl-azzjoni tagħha, tkun qiegħda titħallas darbtejn. Aktar 'il quddiem huwa ressaq sottomissjoni li l-interess ġuridiku tal-kumpannija attriċi ntemm statutorjament;

Illi din hi riferenza għall-artikolu 20A(3) tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta[25]. Is-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu jipprovdi li: "*L-ebda persuna m'għandu jkollha, jew titqies li qatt kellha, xi dritt li titlob ir-rifużjoni ta' xi dazju li, għalkemm dan seta' tħallas żejjed, ikun ġie, jew wieħed jissopponi li jkun ġie, miġbur minn dik il-persuna bħala parti mill-prezz ta' l-oġġetti li fuqhom ikun tħallas dak id-dazju, meta dawk l-oġġetti jkunu nbiegħu lil ħaddieħor*"[26];

Illi, bis-saħħa tas-sub-artikolu (4) tal-istess artikolu, "dazju" tgħodd fiha kull dazju, sisa jew taxxa oħra li titħallas jew tinġabar meta ħwejjeġ jiġu importati f'Malta. Bis-saħħa tal-artikolu 6 tal-Att tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali[27], il-Kontrollur għandu dwar l-imposta (*levy*) l-istess setgħat dwar il-ġbir u l-protezzjoni tagħha bħalma jgawdi taħt kull liġi li tawtorizżah jiġbor u jħares il-ġbir u l-protezzjoni tad-dazju jew tad-dazju tal-importazzjoni[28], minbarra li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni (Kap 337) jgħoddu "daqslikieku r-riferenza f'dak l-Att għal dazju ta' importazzjoni kienet daqstant riferenza għall-imposta"[29];

Illi dawn id-dispożizzjonijiet kollha meħudin flimkien iwasslu biex joħonqu l-jedd li titressaq azzjoni kontra l-imħarrek fejn jintwera li l-importatur ikun b'xi mod ieħor ġabar, meta biegħ il-ħaġa importata, dak li kien ħallas bħala imposta meta importa jew irrilaxxa dik il-ħaġa. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-interess għall-azzjoni

---

[25] Imdaħħal fis-seħħ bl-Att XII tal-2001

[26] Bis-saħħa tal-artikolu 20A(5) id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu (3) jgħodd b'effett retroattiv għaliex meqjus bħala dikjaratorji tal-qagħda legali applikabbli "biex jitneħħa kull dubju dwar l-interpretazzjoni tal-liġi"

[27] Kap 336 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu il-kumpannija attriċi ntalbet tħallas l-imposta mertu tal-kawża

[28] Art. 6(2) tal-Kap 336

[29] Art. 6(3) tal-Kap 336

jixxejjen għaliex jiġi nieqes l-element essenzjali kostitutiv tal-leġittimita' fl-azzjoni[30];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni ulterjuri mqanqla mill-imħarrek hija mistħoqqa għalhekk sejra tintlaqa';

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u minħabba l-effetti li jseħħu bl-ilqigħ tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fil-parti attriċi, din il-Qorti ssib li m'huwiex meħtieġ li tistħarreġ jekk l-imposta mħallsa mill-kumpannija attriċi kellhiex titħallas jew le;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrek**, tiddikjara li kien jonqos fil-kumpannija attriċi l-interess ġuridiku meħtieġ biex tressaq jew tkompli tmexxi l-kawża; u

**Għaldaqstant** teħles lill-imħarrek Kontrollur tad-Dwana milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż għall-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[30] Ara App. Ċiv. **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Practical Trading Co. Ltd. vs Kontrollur tad-Dwana*** (sentenza li dwarha ntalbet ritrattazzjoni)